Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 557/2003

**Mohamed Khaled Salem**

**vs**

**Avukat Dr. Beppe Fenech Adami nominat b'digriet tal-25 ta' Marzu tas-sena 2004 kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti David John Reynolds f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' l-assenti ibnu minuri Luke Linden Reynolds u b'digriet datat id-19 ta' Ottubru tas-sena 2004 Middlesea Insurance p.l.c. assumiet l-atti ghan-nom u in rapprezentanza ta' David John Reynolds u Luke Linden Reynolds.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti nomine et biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu lill-attur s-somma ta' elf, seba' mija u sebghin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (LM1,770.59c), jew somma ohra verjuri aktar jew anqas, minnhom dovuta nomine u rapprezentanti danni sofferti mill-attur fil-karozza tieghu Hyundai b'numru ta' registrazzjoni FAI-064 in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara tort taghhom fis-16 ta' Dicembru 2001 fit-3.00a.m. fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, waqt li Luke Linden Reynolds kien qed isuq il-karozza Peugeot b'numru ta' registrazzjoni EAK-274 b'negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni li l-incident in kwistjoni gara unikament tort taghhom nomine;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tas-survey report, ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Settembru 2004, ta' l-Ittra Ufficjali u tal-Bandu ta' Kuraturi pprezentati kontestwalment, tas-survey report, u bl-imghaxijiet kontrihom;

3. Il-konvenuti nomine ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-noti ta' l-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dr. Beppe Fenech Adami datati l-5 t'April u l-10 ta' Mejju tas-sena 2004, li permezz taghhom sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizerva illi jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun edott mill-fatti;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tas-socjeta’ Middlesea Insurance p.l.c. li bhala assikurattrici ta’ David John Reynolds u Luke Reynolds assumiet l-atti ta’ din il-procedura minflok il-kuratur deputat Dr. Beppe Fenech Adami;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tas-socjeta’ Middlesea Insurance p.l.c. proprio et nomine datata d-19 ta’ Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet gia’ sollevati stante l-ammissjoni pprezentata u tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ Middlesea Insurance p.l.c. thallas lill-attur l-ammont ta’ elf, seba’ mija u sebghin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (LM1770.59.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mill-ittra interpellatorja datata s-26 ta’ Settembru tas-sena 2003.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------